MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 1350/1993/2

**Marthese Zammit u b'nota tal-11 ta' Frar, 2004 l-attrici biddlet kunjomha peress li zzewget u saret Marthese Rosso**

**Vs**

**Ivan Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fit-2 ta' Novembru, 1993, li in forza taghha, wara li ppremettiet illi l-istanti kienet gharusa mal-konvenut u kienu *diga'* bdew jaghmlu l-preparamenti tat-tieg,

Ippremettiet illi matul l-gherusija l-attrici fost affarijiet ohra, irrendiet *diversi servigi* u assistenzi lill-konvenut partikolament fit-tmexxija tar-*restaurant* “*Golden Chef*”, 46 *The Strand*, Sliema, li l-konvenut inawgura f’Jannar , 1989, u fejn sa mill-bidu nett l-attrici kienet taqdih f'kull ma kien ikun hemm bzonn u bla hlas bl-intiza li l-ewwel ifittxu jaqtghaw id-dejn mal-Bank u wara jixtru dar fejn imorru joqghodu meta jizzewgu, kif fil-fatt hekk gara;

Ippremettiet illi l-konvenut minghajr raguni valida fil-ligi irresilixxa mill-gherusija,

Ippremettiet illi bhala konsegwenza ta’ dan ir-resiliment ingust l-attrici sofriet danni kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazjjoni tal-kawza;

Ippremettiet illi *in kawtela* tad-drittijiet taghha, l-attrici *ottjieniet* il-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni numru 2343/93, li kopja tieghu hi ezebita bhala Dok A kontra l-konvenut li gie b'hekk inibit milli jbiegh jew b'xi mod jittrasferixxi d-dar li qed tinbena fuq il-plot numru 7 *formanti* parti mill-artijiet “Tal-Arkata l-Baxxa” sive “Ta’ taht l-Arkata” fil-limiti ta’ l-Imriehel, Birkirkara, liema dar kellha tkun id-dar matrimonjali tal-kontendenti meta jizzewgu;

Talbet l-attrici biex il-konvenut ighid ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1.Tiddikjarah responsabbli li huwa rresilixxa mill-gherusija li kien hemm bejnu u l-attrici minghajr raguni valida fil-ligi,

2. Tillikwida d-danni kollha li soffriet l-attrici bhala konsegwenza ta’ dan ir-resiliment ingust da parti tal-konvenut; u

3. Tikkundannah ihallas lill-attrici l-ammont ta’ danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ impediment ta’ partenza numru 2341/93, u tal-Mandat ta’ inibizzjoni numru 2343/93 u bl-imghaxijiet bid-data tar-recezjoni ta’ din ic-citazzjoni kontra l-konvenut minn issa ngunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha hu ecepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi ma huwiex minnu illi l-esponenti kien gharus lill-attrici;
2. Illi ma huwiex lanqas minnu illi l-attrici rrendit lill-esponenti servigi fit-tmexxija tar-*restaurant* tieghu kif minnha allegat.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-partijiet;

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tas-7 ta’ Marzu, 1994 li in forza taghha giet nominata Dr. Anna Felice bhala perit legali sabiex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li tiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit legali;

Rat ir-rapport tal-perit legali minnha ppresentat fl-14 ta’ Jannar, 2004, u mahluf fl-udjenza tal-3 ta’ Frar, 2004;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hi kawza ta’ reziliment ta’ gherusija. Bejn il-partijiet kienet tezisti relazzjoni amoruza li damet bejn l-1987 u l-

1993, izda fil-waqt li l-attrici tghid li tul din ir-relazzjoni sehhet gherusija, il-konvenut jichad li kien intlahaq dan il-pass u jghid li huma kienu biss hbieb jew namrati. Peress li l-azzjoni ta' l-attrici hija bazata fuq il-fatt li l-partijiet kienu gharajjes, dak li jrid jigi stabbilit fl-ewwel lok huwa jekk bejn il-partijiet kienetx tezisti gherusija fis-sens tal-ligi.

Huwa ikkontestat li bejn il-partijiet ma saretx kitba ta' gherusija u kwindi il-ligi dwar Weghdiet ta' Zwieg (Kap. 5) ma japplikax – artikolu 1233(1)(g) tal-Kodici Civili. In-nuqqas ta' kitba twassal ghall-konkluzzjoni biss li l-parti leza ma tistax titlob id-dannu taht dik il-ligi, pero', dak in-nuqqas ma jtellifx id-dritt ta' l-istess parti leza li titlob dannu taht il-principji generali ta' ksur ta' kuntratt: ara "Farrugia vs Chircop" Vol XXIV.1.945.

Dan premess irid, ovvjament jirrizulta li gherusija, b'forma ohra kien hemm. Cerimonja ta' gherusija bejn il-partijiet qatt ma saret, u allura jrid jigi ezaminat jekk ic-cirkostanzi kollha tar-relazzjoni jistghux jaghtu ndikazzjoni li, fil-fatt, tali relazzjoni ta' gherusija kienet tezisti.

Issa, fil-kawza "Ghio vs Pace", decisa minn din il-Qorti, fil-11 ta' Novembru, 1895, intqal li *"La promessa di future nozze, in vista degli importanti effetti che ne emanano, dev' essere conchiudentemente provata, e non puo' desumersi da espressioni indeterminate o da fatti equivoci che non manifestano una rizoluzione grave e ponderata".* Dan ma jfissirx, pero' li l-prova tal-gherusija tehtieg xi dikjarazzjoni espressa f'dan is-sens, izda biss li jridu jikkonkorru cirkustanzi cari u *inekwivoci* li jindikaw il-hsieb tal-partijiet li jahsbu u jippreparaw ghaz-zwieg taghhom.

Fil-kawza "Caruana vs Borg", decisa minn din il-Qorti fit-13 ta' Mejju, 1952, il-Qorti qalet li:

"*Biex ikun hemm gherusija mhux mehtieg li kien hemm kuntratt formali tal-gherusija, lanqas li kien gie moghti c-curkett. Kif lanqas ma huwa mehtieg li jkun hemm stipulazzjoni taz-zmien ghac-celebrazzjoni taz-zwieg, jew il-kunsens tal-genituri. Li hu mehtieg hija l-kapacita' tal-*

*partijiet li jikkuntrattaw l-gherusija, jigifieri l-istess kapacita' biex jikkuntrattaw z-zwieg".*

Dan il-bran gie kwotat b'approvazzjoni ricentament minn din il-Qorti fil-kawza "Mallia vs Higgins", decisa fil-15 ta' Gunju, 1982. Fil-kawza indikata "Caruana vs Borg", din il-Qorti, wara li ghamlet studju ta' l-istitut tal-gherusija fid-dritt Ruman, kompliet tghid hekk:

"*Sa minn zmien id-Dritt Ruman il-forma ta' l-gherusija kienet libera, imma kien mehtieg il-kunsens reciproku "mentis et repormissis" ….. L-gherusija kienet tkun dejjem tezisti kif ghandha tkun konsidrata li tezisti illum, anki jekk ma kienetx tigi preceduta jew akkumpanjata bil-formalita' ta' li "stipulatio". U jekk ma kienx hemm bzonn ta' ebda formalita', lanqas kien hemm bzonn li jinghata xi curkett. In fatti dan ic-curkett li ghandu n-natura ta' kapparra, kien jinghata mill-gharusa lill-gharus, kif ghadu jinghata sallum, anki fi zmien id-Dritt Ruman, bhala simbolu tal-fedelta' biex tigi assikurata l-promessa taz-zwieg; imma dan kien jinghata biss fl-okkazzjonijiet meta l-gherusija issir bil-formalita' fuq imsemmija".*

Kif qalet ukoll din il-Qorti fil-kawza "Baldacchino vs Savona", decisa fis-7 ta' Novembru, 1989, l-intenzjoni tal-partijiet ghandha tigi ezaminata fl-imgieba u l-ghemil taghhom fil-konfront ta' xulxin.

Fid-dawl ta' dawn il-principji legali, u wara li l-Qorti qieset ic-cirkustanzi kollha tal-kaz, hija taqbel mal-*veduta* espressa mill-perit legali li bejn il-partijiet kienet fil-fatt tezisti gherusija. Il-Qorti, hawnhekk, se tipproduci l-analizi tal-fatti li ghamlet il-perit legali, u dan ghax hi taqbel ma dak kollu relattat minnha.

"Il-partijiet kienu johorgu flimkien. Wara xi zmien il-familji saru jafu lill-xulxin. Il-partijiet kienu jmorru f'dar xulxin. Meta wara xi zmien li bdew johorgu flimkien, il-konvenut assuma n-negozju li kellu missieru, dawn iddecidew li jissellfu l-flus biex jirrangawh, ihallsu lura dak is-self u mbaghad wara jahsbu biex jixtru fejn joqoghdu.

Hekk fil-fatt sar. U hawnhekk jibdew id-divergenzi bejn il-partijiet. Il-partijiet xtraw bicca art bejniethom u bdew biex jibnuha u jarredawha. F'dan il-kuntest il-konvenut jghid li tali akkwist sar biss bl-iskop ta' investiment. Din l-allegazzjoni l-esponenti thossha inverosimili. Dawn kienu koppja li kienu ghadhom qed ihallsu jew ghadhom kif hallsu loan sostanzjali li hadu mill-bank ghar-restaurant. Ukoll, ghal din il-proprjeta' kienu ghamlu kollox flimkien. Kienu jduru proprjetajiet flimkien sakemm ghazlu wahda li ghogbithom it-tnejn. Marru flimkien ghand il-perit u flimkien ftehmu fuq il-pjanta li biha kellha tinbena d-dar. Flimkien marru ghand interior designer biex jiehdu parir kif jarredawha. Dan kollu juri, fil-fehma tal-esponenti bic-car, illi din id-dar kellha tkun id-dar matrimonjali tal-partijiet.

Flimkien il-partijiet attendew ghall-kors ta' Kana li kull koppja li tizzewweg fil-Knisja hawn Malta hija mhegga taghmel bi preparazzjoni ghaz-zwieg. Ta' dan gie esibit ukoll ic-certifikat relattiv. L-esponenti ssibha difficli tifhem kif wiehed jista' jingarr mic-cirkostanzi ta' madwaru s'hawnhekk. Il-konvenut ma jidhirx bniedem ta' fibra daqshekk ratba li jhalli ruhu jingarr b'dan il-mod. L-esponenti hija konvinta li l-kors ta' Kana attenda ghalih minn jeddu u ghax ried. Ma jidhirx bniedem li facilment ihalli ruhu jigi manipulat.

Il-konvenut kien jaf li l-attrici kienet bdiet tixtri l-appliances ghad-dar. Tant hu hekk li dawn kienu nxtraw tramite negozju iehor li kellu missier il-konvenut biex b'hekk setghet tiffranka xi haga. L-attrici ma ghamlet xejn minn wara daru. Hu kien jaf li ordnat il-hwejjeg ghat-tieg. Kien jaf li xtrat is-souvenirs ghax uriethomlu.

Data preciza ghat-tieg ma kienetx giet iffissata. L-attrici u l-familjari taghha jghidu li dan kellu jsehh pero' swali tat-tigijiet kienu ga ddiskutew bejniethom u sahansitra kien mar maghha jzur xi xhud. Hija tikkonferma li kienu ddecidew fuq Villa Chappelle. Dan sar xi xahrejn qabel ma thassret ir-relazzjoni bejniethom.

Notevoli l-incident li nqalgha bejn il-partijiet waqt mawra f'Londra li kienu ghamlu l-partijiet ma' membri tal-familja

tal-konvenut. F'din l-okkazjoni l-attrici kienet rat libsa tat-tieg f'hanut u, wara li ppruvata, ghogbitha u xtaqet tixtriha. Il-konvenut ma riedx u semma li ma kellux intenzjoni li jizzewweg. Pero' meta gew lura baqa' kollox miexi bhal qabel. Baqa' maghha u baqa' jippartecipa fil-preparamenti ghat-tieg. Ta' min jinnota wkoll li l-konvenut kien xtara curkett lill-attrici. Hi kienet tilbsu u hu qatt ma oppona ghal dan. Ghalkemm dan il-fatt wahdu mhux ta' importanza kbira, flimkien mac-cirkostanzi kollha tal-kaz jitfa' aktar dawl fuq it-tip ta' relazzjoni ta' bejniethom.

Il-karattri tal-partijiet f'din il-kawza ukoll jitfghu dawl fuq kif setghu kienu c-cirkostanzi tar-relazzjoni. L-attrici kienet tfajla serja li ddedikat hafna hin u energija lejn din ir-relazzjoni. Dan jidher ukoll mill-impenn kbir li wriet fl-izvilupp tan-negozju tal-konvenut. Dan ghamlitu bil-hsieb li f'xi zmien ikunu mizzewwgin u l-istess negozju ikun parti mill-hajja mizzewwga taghhom. Il-konvenut ma jidhirx li huwa tip ta' bniedem li jhalli c-cirkostanzi ta' madwaru jigru bih. Jaf xi jrid mill-hajja. Impenn kbir fin-negozji tieghu u tal-familja tieghu wera dejjem. Fil-fatt meta ddecieda li ma riedx jizzewweg, hassar ir-relazzjoni. Tant baqa' tal-fehma li ma jridx jizzewweg li ghadu guvni sal-lum.

Wiehed isibha difficli jifhem kif, kieku kellu hsibijiet u progetti tant diversi minn dawn li dejjem urietu l-attrici dan ma kienx jurihom bil-fatti. Ukoll jekk wiehed jemmen li gie li qalilha li ma kellux hsieb ta' zwieg, fatt li l-attrici dejjem irribattiet bil-qawwa, ma kienx ihalli snin jghaddu biex jiehu decizjoni."

Il-Qorti riproduciet dan l-analizi ghax, kif inghad, taqbel mieghu, u meta tqis ukoll il-preparamenti li l-attrici ghamlet ghall-libsa tat-tieg, ghal *head dress* u l-ilbies tal-*bridesmaids,* din il-Qorti hi konvinta, bhal perit legali, li gherusija fis-sens tal-ligi bejn il-partijiet kien hemm.

Stabbilit li kienet tezisti gherusija bejn il-partijiet, irid issa jigu analizati l-konsegwenzi. Hu principju car u indiskuz li anki jekk tkun tezisti weghda formali ghaz-zwieg, dik il-weghda mhix enforzabbli fil-Qorti, u ebda Qorti ma tista'

igieghel lil xi parti tersaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg – *liberas esse debet matrimonium.* Minn naha l-ohra, il-parti li thassar l-gherusija minghajr *gusta* kawza, mhix libera minn kull konsegwenza, u meta jigri hekk, dik il-parti skond il-gurisprudenza, trid thallas ghad-danni li sehhew b'rizultat ta' dak ir-reziliment ingust.

F'dan il-kaz, l-gherusija thassret mill-konvenut u dan ma gab ebda raguni valida ghal dan. Hu jidher li kien ilu imdejjaq bir-relazzjoni li kellu mal-attrici, izda ma qal xejn lill-attrici, u kompla bir-relazzjoni u *anke* ippartecipa f'xi preparamenti ghaz-zwieg. Kien biss fl-ahhar li hu qalilha li ma riedx jizzewwigha u ried biss li jibqghu *"friends"*, izda raguni ghal din il-bidla drastika fl-atteggament tieghu lejn l-attrici huwa baqa' ma tax. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Camilleri vs Ciantar", decisa fl-14 ta' Jannar, 1983, il-konvenut ghandu jbati l-konsegwenzi jekk fl-gherusija huwa jhassarha sempliciment ghax kienet marritlu l-*volonta'*, u, ghalhekk, ghandu jirrispondi ghad-danni.

Kif qalet ukoll din il-Qorti fil-kawza "Xuereb vs Abela", decisa fl-20 ta' April, 1983, f'kazijiet bhal dawn, il-parti leza ghandha dritt ghad-danni independentament milli dan id-dritt huwiex kuntrattwali, jew inkella hux derivanti minn delitt jew kwazi-delitt. F'kaz ta' reziliment ta' gherusija, kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Farrugia vs Curmi", decisa fil-5 ta' Ottubru, 1994, *"ghandhom jigu kkunsidrati biss dawk id-danni li huma konsegwenzjali ghat-thassir tal-weghda taz-zwieg moghtija u li jiskaturixxu minn dan ir-riziliment".* Dawn id-danni ghandhom jinkludu wkoll il-valur tar-rigali ta' natura personali li l-gharajjes ikunu taw lil xulxin – "Pace vs Pecorella", decisa minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 1982. Id-danni *"konsegwenzjali ghat-thassir tal-weghda taz-zwieg"* ma jiskludux, kif qed jargumenta l-konvenut, kumpens ghas-*servigi rezi* mill-parti leza. Il-hin u l-*"effort"* li l-attrici iddedikat lill-konvenut, kienu hekk dedikati ghax il-partijiet kienu gharajjes, u l-attrici zgur li ma kienetx se taghti dak ir-"rigal" (il-hin taghha) li kieku l-partijiet ma kellhomx dik it-tip ta' relazzjoni. Il-hinijiet twal li qattghet tahdem ghall-konvenut setghu facilment jigu mill-attrici ddedikati ghal xoghol alternattiv li jirrendi.

Fost l-ghajnuna li l-attrici tat lill-konvenut hemm ix-xoghol li hi kienet taghmel fir-*restaurant* li l-konvenut kellu tas-Sliema. Il-konvenut jallega li r-*restaurant* ma kienx tieghu imma ta' missieru. Il-Qorti tikkondividi l-*veduta* tal-perit legali li din l-allegazzjoni mhix *verosimili.* L-attrici stess ikkonfermat li hi kienet prezenti meta omm il-konvenut iffirmat l-iskrittura li biha gie cedut in-negozju lill-konvenut; missieru kien ga iffirmaha. Kien il-konvenut li ssellef il-flus mill-bank biex seta' jigi rrangat il-post wara li hadu f'idejh. Kien il-konvenut li dejjem hallas il-pagamenti tas-self; il-missier kien ipprovda biss garanzija. Kien ukoll il-konvenut li dejjem gestixxa n-negozju fil-perjodu *in kwistjoni*.

L-attrici tikkonferma li, regolarment, hi kienet tmur il-hanut tal-konvenut dritt wara x-xoghol taghha. Hi kellha mpjieg full time fil-fabbrika *De La Rue*. Tghid li kienet tibqa' fil-hanut sal-hin tal-gheluq, meta l-konvenut kien iwassalha d-dar tal-genituri taghha. Hi tghid li kienet taghmel kull ma jkun hemm bzonn, *cioe'* xoghol ta' kaxxiera, tiehu ordnijiet, tqassam l-ikel u ukoll tnaddaf jekk ikun hemm bzonn. Tghid ukoll li kienet taghmel qadi ghall-hanut jekk kienet tonqos xi haga bzonnjuza. Ghal dan kollu qed tippretendi hlas, u hlas akbar minn ta' kull impjegat iehor ghaliex, skond dejjem ma tghid hi, hija kienet taghmel xoghol aktar minn ta' impjegat wiehed.

Li l-attrici kienet tmur dritt tas-Sliema wara x-xoghol mhux kontestat. Kienet tghaddi ghand omm il-konvenut u mbaghad tinzel il-hanut li kien biswit id-dar tieghu. Fil-hanut kienet tmidd idejha. Dan kollu mhux kontestat. Li hu kontestat huwa l-ammont u n-natura tax-xoghol li kienet taghmel.

Li kienet tmidd idejha hu konfermat kemm mix-xhieda kif ukoll mix-xhieda ta' impjegati ohra prodotti minnha, kif ukoll mill-familjari taghha li gie li kienu jghaddu jittawwlulha huma u ghaddejjin passiggata minn dawk l-inhawi. Il-konvenut u x-xhieda tieghu jinnegaw din il-partecipazzjoni taghha. Bhal ma jigri f'hafna kazijiet, il-verita' tinsab x'imkien bejn iz-zewg versjonijiet.

Fil-fehma tal-Qorti, il-provi juru li kienet taghmel xi xoghol. Wiehed difficli jemmen li kienet taghmel xoghol ta' aktar minn impjegat wiehed, ghalkemm jidher li kienet taghmel kull tip ta' xoghol skond il-bzonn. Wiehed jifhem li hi kellha interess kbir li n-negozju jimxi 'l quddiem, ukoll ghar-raguni li d-dejn mal-bank kellu jintradd mill-aktar fiss possibbli.

*In vista* ta' dan kollu iridu jigu determinati zewg affarijiet:

i) Ir-rata li biha gustament ghandha tigi kkumpensata l-attrici tax-xoghol li kienet taghmel fin-negozju, u

ii) L-ammont ta' sieghat li fil-fatt kienet qattghet tahdem kif fuq imsemmi.

Rigwardanti r-rata tal-hlas gust ghax-xoghol li kienet taghmel l-attrici qeghda tippretendi li tithallas bir-rata ta' Lm1.50 fis-siegha li hija aktar minn kull impjegat iehor fir-*restaurant.* Hi dan tiggustifikah billi tghid li hija dejjem ghamlet aktar xoghol minn kull impjegat iehor. Dan il-Qorti m'hijiex disposta li taqbel mieghu. Ghalkemm il-hafna xhieda prodotti mill-partijiet ivarjaw bejniethom, din ir-rata li qed tippretendi m'hijiex gustifikata. Xogholijiet diversi kienet taghmel, pero' kienu jigu granet u mumenti fejn ix-xoghol fir-*restaurant* ma kienx ikun daqshekk kbir, u l-impjegati l-ohra kienu ilahhqu wahedhom u kienet biss toqghod mal-*cash*. Ghalkemm l-attrici dejjem kienet disposta taghmel kollox fil-hanut, anki tnaddaf, m'huwiex fattabbli li din kienet taghmel kollox kuljum. Dritt ghal hlas l-Qorti hi tal-fehma li ghandha, ghaliex kieku ma kienetx gharusa mal-konvenut ma kienetx taghmlu x-xoghol, jew kienet taghmlu band'ohra bi hlas. Pero' ir-rata ta' Lm1 s-siegha tkun gustifikata, partikolarment *in vista* tal-fatt li impjegati ohra kienu jithallsu bejn 75c u Lm 1.25 fis-siegha.

Wiehed hawnhekk jghaddi biex jipprova jikkalkula n-numru ta' sieghat li fil-fatt hadmet l-attrici. Fil-prospett minnha pprezentat hi tippretendi hlas ghan-numru komplessiv ta' 11,309 sieghat ta' xoghol. Dawn hi tqassamhom 2,696 kull sena ghas-snin 1989, 1990, 1991

u 1992 u 525 siegha ohra ghall-ewwel tlett xhur tal-1993, cioe’ sa’ meta l-konvenut hassar l-gherusija.

L-attrici kienet tkun prezenti l-hanut mis-6.00pm ‘il quddiem. Dan hu ampjament pruvat ukoll mill-affidavit tal-konvenut. Pero’, wiehed ma jistax jaccetta li din kienet tahdem interrottament tul il-hin kollu li kienet tkun prezenti. Ta’ min ifakkar li hi kienet tibqa’ hemm sal-hin tal-gheluq, f’liema mument kien il-konvenut stess li jwassalha d-dar. Ix-xoghol gie li kien ikun kwiet u ghalhekk l-impjegat jew impjegati li kien ikun hemm kienu jlahhqu sew wahedhom. Ukoll, ingabet prova li x’hin kien ibatti jew jieqaf ix-xoghol, il-partijiet kienu jieqfu u jordnaw x’jieklu huma stess.

Ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li l-ammont ta’ sitt sieghat kuljum huwa eccessiv u l-ammont ta’ erba’ sieghat kuljum huwa izjed *verosimili* u ghalhekk accettabbli. Ghar-rigward tas-Sibtijiet, fuq l-istess ragunament, l-ammont ghandu jkun ta’ sitt sieghat kull darba u tmien sieghat ghall-Hdud.

Ghalhekk, fuq din il-bazi wiehed jikkalkula li fis-snin 1989, 1990, 1991 u 1992, l-attrici hadmet 1512 siegha kull sena u 314 siegha fis-sena 1993. Jigifieri hija hadmet l-ammont komplessiv ta’ 6362 siegha u konsegwentement l-ammont dovut lilha huwa ta’ Lm 6362 (sitt elef tlett mija u tnejn u sittin lira).

L-attrici f’din il-kawza qeghda tippretendi hlas ghar-rigali li hija kienet xtrat lill-konvenut matul iz-zmien li kienu gharajjes, pero’ l-attrici ma gabet ebda prova ta’ dan hlief l-ammissjoni tal-istess konvenut “li forsi xtratli xi zewg pari qliezet”. Il-konvenut jikkonferma wkoll li ghalkemm gie li xtratlu hwejjeg, hu kien ihallasha taghhom. Dan hu ‘l boghod hafna mis-36 par qalziet li tghid li xtratlu (par kull xahar!). Il-Qorti hi tal-fehma li ma ngabetx prova bizzejjed ta’ dawn l-oggetti li qed tippretendi li tithallas ghalihom u fil-fehma taghha din it-talba ma tistax gustament tintlaqa’.

Jibqa’ biss it-talba tal-attrici ghall-kumpens li tippretendi ghall-uzu tal-karozza taghha *da parti* tal-konvenut. Hija tghid li hu ghamel sena shiha juza l-karrozza taghha u

jgawdiha sakemm il-karozza tieghu kienet bil-hsara. Ta' dan l-attrici qed tippretendi hlas ta' Lm4 kuljum. Il-konvenut, min-naha tieghu jammetti li kien hemm perjodu meta kellu l-uzu tal-karozza taghha, pero', dan kien biss ghal xi sitt xhur u mhux ghal sena. Issa jidher li ghalkemm il-karozza matul dawn is-sitt xhur kienet fizikament fil-pussess tieghu, hu kien juzaha biss sabiex iwassal lill-istess attrici d-dar filghaxijiet. Ghalhekk, l-ammont ta' Lm4 kuljum li qed tippretendi hu esagerat. Fil-fehma tal-Qorti, il-hlas ta Lm1 kuljum ikopri dan l-uzu. Konsegwentement, l-ammont dovut ghal *tali* uzu ghandu jkun ta' Lm180 (mija u tmenin lira).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi minn din il-kawza billi wara li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici kif *dedotti*, u ghal-*fini* tat-tieni u t-tielet talbiet*, tillikwida* d-danni li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici l-ammont ta' Lm6,542 (sitt elef hames mija u tnejn u erbghejn lira), li ghandhom jithallsu bl-imghax legali ta' 8% mid-data tal-presentata tar-rapport peritali, *cioe',* mill-14 ta' Jannar, 2004, sal-gurnata tal-pagament effettiv.

L-ispejjes tal-kawza ghandhom jithallsu kollha mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------